5. IL-POLITIKA DWAR IL-KOMPETIZZJONI

1. 31968 R 1017Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1017/68 tad-19 ta' Lulju 1968 li japplika r-regoli tal-kompetizzjoni għat-trasport bil-ferrovija, bit-triq u permess tal-passaġġi fuq l-ilma interni (ĠU L 175, 23.7.1968, p. 1), kif emendat minn:

– L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Renju tad-Danimarka, l-Irlanda u r-Renju Unit (ĠU L 73, 27.3.1972, p. 14),

– 11979 H: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika Ellenika (ĠU L 291, 19.11.1979, p. 17),

– 11994 N:L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU Ċ 241, 29.8.1994, p. 21).

Fl-Artikolu 30 (3), it-tieni sub-paragrafu jinbidel b’dan li ġej:

"Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li kienu jeżistu fid-data ta’ l-adeżjoni ta’ l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja jew fid-data ta’ l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta’ l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta’ l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b’mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 5 ta’ dan ir-Regolament. Dan is-sub-paragrafu ma japplikax għal akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li fid-data ta’ l-adeżjoni jkunu diġà jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.".

2. 31986 R 4056 Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4056/86 tat-22 ta' Diċembru 1986 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 85 u 86 tat-Trattat għat-trasport marittimu (ĠU L 378, 31.12.1986, p. 4), kif emendata bi:

– 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU Ċ 241, 29.8.1994, p. 21).

L-Artikolu 26a jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 26a

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li kienu jeżistu fid-data ta' l-adeżjoni ta' l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja jew fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b'mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 3 sa 6 ta' dan ir-Regolament. Madanakollu, dan l-Artikolu ma għandux japplika għall kull akkordju, deċiżjoni u prattiċi miftiehma li fid-data ta' l-adeżjoni jkunu diġà jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.".

3. 31993 R 1617:Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1617/93 tal-25 ta' Ġunju 1993 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal xi kategoriji ta' akkordji u prattiċi miftiehma li jirrigwardaw l-ippjanar konġunt u l-koordinament ta' ċedoli, operazzjonijiet konġunti, konsultazzjonijiet fuq tariffi tal-passiġġieri u tat-tagħbija għal servizzi ta' l-ajru skedati u l-allokazzjoni ta' *slots* fl-ajruporti (ĠU L 155, 26.6.1993, p 18), kif emendat minn:

– 11994 N: L-Att li jikkonċerna l-kondizzjonijiet ta' l-adeżjoni u l-aġġustamenti għat-Trattati - l-Adeżjoni tar-Repubblika ta' l-Awstrija, ir-Repubblika tal-Finlandja u r-Renju ta' l-Isvezja (ĠU Ċ 241, 29.8.1994, p. 21),

– 31996 R 1523: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1523/96 ta' l-24.7.1996 (ĠU L 190, 31.7.1996, p. 11),

– 31999 R 1083: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1083/1999 tas-26.5.1999 (ĠU L 131, 27.5.1999, p. 27),

– 32001 R 1324: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1324/2001 tad-29.6.2001 (ĠU L 177, 30.6.2001, p. 56),

32002 R 1105: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1105/2002 tal-25.6.2002 (ĠU L 167, 26.6.2002, p. 6).

L-Artikolu 6a jinbidel b’dan li ġej:

"Artikolu 6a

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal kull akkordju, deċiżjoni u prattiċi miftiehma li kienu jeżistu fid-data ta’ l-adeżjoni ta’ l-Awstrija, il-Finlandja u l-Isvezja jew fid-data ta’ l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta’ l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta’ l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b’mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati fl-Artikoli 4 u 5 ta’ dan ir-Regolament. Madanakollu, dan l-Artikolu ma għandux japplika għal akkordji, kull deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li fid-data ta’ l-adeżjoni jkunu diġà jaqgħu taħt l-Artikolu 53(1) tal-Ftehim ŻEE.".

4. 31996 R 0240: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 240/96 tal-31 ta’ Jannar 1996 dwar l-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal xi kategoriji ta’ akkordji dwar it-trasferiment ta’ teknoloġija (ĠU L 31, 09.2.1996, p. 2).

Il-paragrafu li ġej jiżdied ma’ l-Artikolu 11:

"4. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji li kienu jeżistu fid-data ta’ l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta’ l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta’ l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b’mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f’dan ir-Regolament.".

5. 31998 R 0447: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 447/98 ta’ l-1 ta’ Marzu 1998 dwar in-notifiki, it-termini taż-żmien u s-seduti li hemm provdut dwarhom fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 4064/89 fuq il-kontroll ta’ konċentrazzjonijiet bejn l-intrapriżi (ĠU L 61, 2.3.1998,p. 1).

(a) Fl-Artikolu 2(2), "23" qed jiġi sostitwit bi "33".

(b) Fl-Artikolu 13(4), "29" qed jiġi sostitwit bi "39".

(c) Fl-Artikolu 19(1), "29" qed jiġi sostitwit bi "39".

(d) Fil-ħames paragrafu ta’ punt E ta’ l-Anness, "23" qed jiġi sostitwit bi "33".

6. 31999 R 0659 Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistipula regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU L 83, 27.3.1999, p. 1).

L-Artikolu 1(b) (1) jinbidel b'dan li ġej:

mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 144 u 172 ta' l-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-Awstrija, l-Finlandja u l-Isvezja u għall-Anness IV, il-punt 3 u l-Appendiċi ta' dak l-Anness ta' l-Att ta' l-Adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja, kull għajnuna li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat fl-Istat Membru rispettiv, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħlu fis-seħħ qabel, u li għadhom applikabbli wara, id-dħul fis-seħħ tat-Trattat;".

7. 31999 R 2790: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2790/99 tat-22 ta' Diċembru 1999 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kull kategorija ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 336, 29.12.1999, p. 21).

L-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 12:

"Artikolu 12a

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji li kienu jeżistu fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b'mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.".

8. 32000 R 2658: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2658/2000 tad-29 ta' Novembru 2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni (ĠU L 304, 5.12.2000, p. 3).

L-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 8:

"Artikolu 8a

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji li kienu jeżistu fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b'mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.".

9. 32000 R 2659: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2659/2000 tad-29 ta' Novembru 2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp (ĠU L 304, 5.12.2000, p. 7).

L-Artikolu li ġej jiddaħħal wara l-Artikolu 8:

"Artikolu 8a

Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji li kienu jeżistu fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b'mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.".

10. 32000 R 0823: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 823/2000 tad-19 ta' April 2000 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal xi kategoriji ta' kull akkordji, deċiżjoni u prattiċi miftiehma bejn kumpanniji tal-vapuri tal-linja (konsorzji) (ĠU L 100, 20.4.2000, p. 24).

Il-paragrafu li ġej jiżdied ma' l-Artikolu 13:

"3. Il-projbizzjoni fl-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma li kienu jeżistu fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqgħu fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati b'mod illi jsiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.".

11. 32002 R 1400: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1400/2002 tal-31 ta' Lulju 2002 dwar l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma (ĠU L 203, 1.8.2002, p. 30).

Fl-Artikolu 10, il-paragrafu li hemm jingħata n-numru ta' paragrafu 1 u jiżdied il-paragrafu li ġej:

"2. Il-projbizzjoni stipulata mill-Artikolu 81(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika għal kull akkordji li kien jeżisti fid-data ta' l-adeżjoni tar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u li, minħabba l-adeżjoni, jaqa' fi ħdan l-iskop ta' l-Artikolu 81(1) jekk, fi żmien sitt xhur mid-data ta' l-adeżjoni, dawn ikunu emendati u b'hekk isiru konformi mal-kondizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament."